



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija*

---

**2011/0370(COD)**

12.6.2012

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li  
jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva  
(COM(2011)0785 – C7-0435/2011 – 2011/0370(COD))

Rapporteur: Silvia-Adriana Țicău

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

### *L-importanza tas-setturi tal-kultura u tal-kreattività*

Is-setturi tal-kultura u tal-kreattività jagħtu kontribut importanti għall-impjiegi u t-tkabbir ekonomiku, u fl-2008 kienu jirrappreżentaw 4.5% tal-PDG totali tal-Ewropa u kienu jiġbru fihom 3.8% tal-popolazzjoni li taħdem. Is-setturi tal-kultura u l-kreattività jikkontribwixxu wkoll għall-iżvilupp ta' setturi oħrajn tal-ekonomija, bħalma huma t-turiżmu u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICTs). Is-setturi tal-kultura u l-kreattività jagħtu spinta lill-innovazzjoni u l-intraprenditorija bħala parti minn tkabbir intelliġenti u sostenibbli u b'hekk jikkontribwixxu favur l-integrazzjoni soċjali.

### *Problemi u sfidi komuni*

Is-setturi tal-kultura u tal-kreattività qed jaffaċċaw sfidi u diffikultajiet komuni, fosthom suq frammentat, globalizzazzjoni u l-bidla diġitali, nuqqas ta' data u n-nuqqas ta' investment mis-settur privat. B'mod partikolari, l-SMEs u l-organizzazzjonijiet fis-settur tal-kultura u f'dak tal-kreattività qed jaffaċċaw diffikultajiet fl-aċċess għall-finanzi. Dawn id-diffikultajiet huma prinċipalment dovuti għall-kawżi li ġejjin:

- in-natura intanġibbli ta' ħafna mill-assi tagħhom, bħal pereżempju d-dritt tal-awtur;
- il-fatt li, b'differenza minn proġetti industrijali oħra, ix-xogħol kulturali ġeneralment ma jiġix prodott bil-massa, u ta' sikwit ikun prototip uniku, mentri hemm bżonn ta' investment fit-tul sabiex tiġi żgurata l-profittabilità;
- l-intraprendituri fis-settur tal-kultura u tal-kreattività ħafna drabi ma jkollhomx il-ħiliet ta' kummerċjalizzazzjoni meħtieġa biex jippromwovu l-proġetti mal-istituzzjonijiet finanzjarji;
- l-istituzzjonijiet finanzjarji m'għandhomx għarfien suffiċjenti ta' dawn is-setturi u mhux lesti jinvestu fl-iżvilupp meħtieġ biex jivvalutaw ir-riskji relatati magħhom;
- ta' sikwit ma jkunx hemm biżżejjed data affidabbli, u dan jillimita l-possibilitajiet li l-SMEs f'dan is-settur jiksbu kreditu.

### *Deskrizzjoni tal-programm Ewropa Kreattiva*

Il-programm Ewropa Kreattiva jgħaqqad u jkompli l-Programmi Kultura, MEDIA u MEDIA Mundus. Il-baġit ġenerali għall-azzjonijiet (2014-2020) jammonta għal EUR 1 801 biljun, li jfisser żieda ta' 37% apparagun tal-livell tan-nefqa attwali. Il-Programm Ewropa Kreattiva jikkonsisti fi tliet taqsimiet: it-Taqsima Transsettorjali indirizzata għas-setturi tal-kultura u l-kreattività kollha (15% tal-baġit tal-programm); it-Taqsima Kulturali indirizzata għas-setturi tal-kultura u l-kreattività (30% tal-baġit tal-programm); u t-Taqsima MEDIA, indirizzata għas-settur awdjoviżiv (55% tal-baġit tal-programm).

It-Taqsima Transsettorjali tipprovdi s-setturi tal-kultura u l-kreattività b'mekkaniżmu li jiffaċilita l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs u l-organizzazzjonijiet fis-settur tal-kultura u tal-kreattività u jtejjeb il-kapaċità tal-istituzzjonijiet finanzjarji fil-valutazzjoni tal-proġetti kulturali u kreattivi. Il-mekkaniżmu se jikkomplementa l-mekkaniżmi l-oħra tal-UE taħt il-Fondi Strutturali u l-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni.

Kemm il-prijoritajiet kif ukoll il-miżuri ta' appoġġ għall-Programmi Kultura u MEDIA għandhom l-għan li jsaħħu l-kapaċitajiet tas-setturi tal-kultura u l-kreattività sabiex: iħeġġu l-użu tat-teknoloġija diġitali sabiex jiġi żgurati l-adattament għall-iżviluppi fis-suq; l-adattament għat-teknoloġija diġitali; mudelli ta' negozju u distribuzzjoni ġodda; u jappoġġaw id-distribuzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni transnazzjonali fuq pjattaformi onlajn.

Sabiex timplimenta l-programm, il-Kummissjoni se tadotta programmi ta' ħidma annwali permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, skont il-proċedura konsultattiva. Il-maġġoranza tal-għotjiet li jsiru permezz tal-programm Ewropea Kreattiva se jkunu ġestiti mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura permezz ta' sejħiet għal propositi. L-għajnuna finanzjarja pprovduta ma tistax tkun iktar minn 50% tal-ispejjeż finali tal-operazzjonijiet appoġġati (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-programm annwali). Il-Kummissjoni se tiġġestixxi direttament ċerti aspetti tal-programm, bħalma huma: l-għoti tal-premijiet, il-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet internazzjonali, il-fondi għall-koproduzzjoni awdjoviżiva internazzjonali, u l-finanzjament tal-programmi “Kapitali Ewropej tal-Kultura” u “Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew”.

Il-Kummissjoni se twettaq monitoraġġ regolari tal-Programm Ewropa Kreattiva abbażi tal-indikaturi ta' prestazzjoni stipulati fl-Artikolu 14, li jinkludu: is-sehem tas-setturi tal-impjieġ u s-sehem tal-PDG; il-grad ta' internazzjonalizzazzjoni tal-operaturi kulturali u n-numru ta' sħubijiet transnazzjonali; in-numru ta' ammissjonijiet għal films Ewropej fl-Ewropa u mad-dinja; il-persentaġġ ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej fiċ-ċinema, it-TV u l-pjattaformi diġitali; il-volum ta' self mogħti fil-qafas tal-faċilità finanzjarja.

### ***Il-Pożizzjoni tar-Rapporteur***

Fl-emendi proposti, ir-Rapporteur għall-Kumitat ITRE hija favur l-introduzzjoni ta' objettivi speċifiċi ġodda għall-programm li jsaħħu t-taqsimiet relatati mal-adattament tas-setturi tal-kultura u l-kreattività għall-globalizzazzjoni u l-bidla diġitali. Il-bidliet huma mmirati, b'mod partikolari, lejn l-aċċessibilità onlajn ta' materjal kulturali, billi jitjeb il-mod li dan jiġi ġestit u miżmum diġitalment u jiġu promossi s-sħubijiet bejn l-istituzzjonijiet kulturali u s-settur privat, sabiex jinħolqu modi ġodda ta' finanzjament tad-diġitalizzazzjoni ta' materjal kulturali u sabiex jiġi nkorraġġut l-użu innovattiv tal-istess materjal. Ir-Rapporteur hija favur ukoll li l-aċċess aħjar għall-prodotti tas-setturi tal-kultura u l-kreattività għall-persuni b'diżabilità ikun wieħed mill-objettivi speċifiċi tal-programm.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, bħala l-kumitat responsabbli, jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament Premessa 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) It-Trattat għandu l-għan li jgħib l-unjoni eqreb fost il-popli tal-Ewropa u jikkonferixxi lill-Unjoni l-kompitu, fost l-oħrajn, li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kulturi tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess ħin tiżgura li jeżistu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, l-Unjoni, fejn meħtieġ, tappoġġa u tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri li jirrispettaw id-diversità kulturali u lingwistika, isaħħu l-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej u jiffaċilitaw l-adattament għat-tibdil industrijali, b'mod partikolari permezz tat-taħriġ vokazzjonali.

##### *Emenda*

(1) It-Trattat għandu l-għan li jgħib l-unjoni eqreb fost il-popli tal-Ewropa u jikkonferixxi lill-Unjoni l-kompitu, fost l-oħrajn, li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kulturi tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess ħin tiżgura li jeżistu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, l-Unjoni, fejn meħtieġ, tappoġġa u tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri li jirrispettaw id-diversità kulturali u lingwistika, isaħħu l-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej u jiffaċilitaw l-adattament għat-tibdil industrijali, b'mod partikolari permezz tat-taħriġ vokazzjonali ***u t-tagħlim tul il-ħajja.***

### Emenda 2

#### Proposta għal regolament Premessa 4a (ġdida)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

***(4a) Il-persuni b'diżabilità għad għandhom aċċess limitat għall-prodotti kulturali u kreattivi, u l-faċilitazzjoni ta' tali aċċess għall-persuni b'diżabilità għandha tkun inkluża fl-oġettivi speċifiċi***

## ***tal-Programm Ewropa Kreattiva.***

### *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi protetta u promossa d-diversità lingwistika u kulturali Ewropea, u sabiex tiġi kkonsolidata l-kompetittività tas-setturi tal-kultura u l-kreattività, jeħtieġ li fost l-oġjettivi speċifiċi tal-programm speċifiku jiġi inkluż l-oġjettiv ta' appoġġ tat-tkabbir sostenibbli u inklużiv billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-prodotti kulturali u kreattivi għall-persuni b'diżabilità.*

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 7**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-Istrateġija Ewropea għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv (Strateġija Ewropa 2020) tiddefinixxi strateġija li għandha l-għan li tbiddel l-Unjoni f'ekonomija intelliġenti, sostenibbli u inklussiva li tagħti livelli għoljin ta' impjieġ, produttività u koeżjoni soċjali. F'din l-istrateġija, il-Kummissjoni nnotat li l-Unjoni teħtieġ tipprovdi kundizzjonijiet qafas aktar attraenti għall-innovazzjoni u l-kreattività, inkluż permezz ta' inċentivi għat-tkabbir ta' ditti kummerċjali bbażati fuq l-għarfien u aċċess akbar għall-finanzi għas-setturi kulturali u kreattivi.

##### *Emenda*

(7) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-Istrateġija Ewropea għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv (Strateġija Ewropa 2020) tiddefinixxi strateġija li għandha l-għan li tbiddel l-Unjoni f'ekonomija intelliġenti, sostenibbli u inklussiva li tagħti livelli għoljin ta' impjieġ, produttività u koeżjoni soċjali. F'din l-istrateġija, il-Kummissjoni nnotat li l-Unjoni teħtieġ tipprovdi kundizzjonijiet qafas aktar attraenti għall-innovazzjoni u l-kreattività, inkluż permezz ta' inċentivi għat-tkabbir ta' ditti kummerċjali bbażati fuq l-għarfien u aċċess akbar għall-finanzi għas-setturi kulturali u kreattivi, ***kif ukoll il-promozzjoni ta' livelli għolja ta' aċċessibilità u kompetenza diġitali.***

### **Emenda 4**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 7a (ġdida)**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

***(7a) Il-kultura għandha rwol ewlieni fi żminijiet ta' kriżi ekonomika u finanzjarja u tagħti kontribut kreattiv fil-kisba ta' oġjettivi ta' politika soċjali u fit-trawwim tal-innovazzjonijiet u b'hekk tipproduċi***

## **Emenda 5**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 9**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Minn dawn l-eżerċizzji ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u konsultazzjoni pubblika jirriżulta li l-programmi Kultura, MEDIA u MEDIA Mundus għandhom rwol verament importanti fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika tal-Ewropa u li dawn huma rilevanti għall-ħtiġijiet tas-setturi kulturali u kreattivi, iżda wkoll li l-oġettivi ta' kull programm ġdid għandhom jiġu allinjati mill-ġdid mal-miri ta' Ewropa 2020. Jidher ukoll minn dawn l-evalwazzjonijiet u konsultazzjonijiet, kif ukoll minn studji indipendenti differenti, b'mod partikolari l-istudju dwar id-dimensjoni intraprenditorjali tal-industrija kulturali u kreattivi, li s-setturi kulturali u kreattivi qed jaffaċċjaw sfidi komuni, jiġifieri kuntest tas-suq frammentat ħafna, l-impatt tal-bidla diġitali u l-globalizzazzjoni, diffikultajiet ta' aċċess għall-finanzi u nuqqas ta' dejta paragonabbli, li kollha jeħtieġu azzjoni fil-livell tal-Unjoni.

##### *Emenda*

(9) Minn dawn l-eżerċizzji ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u konsultazzjoni pubblika jirriżulta li l-programmi Kultura, MEDIA u MEDIA Mundus għandhom rwol verament importanti fil-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika tal-Ewropa u li dawn huma rilevanti għall-ħtiġijiet tas-setturi kulturali u kreattivi, iżda wkoll li l-oġettivi ta' kull programm ġdid għandhom jiġu allinjati mill-ġdid mal-miri ta' Ewropa 2020. Jidher ukoll minn dawn l-evalwazzjonijiet u konsultazzjonijiet, kif ukoll minn studji indipendenti differenti, b'mod partikolari l-istudju dwar id-dimensjoni intraprenditorjali tal-industrija kulturali u kreattivi, li s-setturi kulturali u kreattivi qed jaffaċċjaw sfidi komuni, jiġifieri kuntest tas-suq frammentat ħafna, l-impatt tal-bidla diġitali u l-globalizzazzjoni, diffikultajiet ta' aċċess għall-finanzi u nuqqas ta' dejta paragonabbli, li kollha jeħtieġu azzjoni fil-livell tal-Unjoni. ***Minkejja dan, il-bidla diġitali, b'differenza mill-isfidi l-oħra, għandha titqies kemm bħala katalist kif ukoll bħala opportunità.***

##### *Ġustifikazzjoni*

*It-teknoloġija u d-disponibilità tal-infrastruttura broadband fiż-żoni urbani u rurali jifihom opportunitajiet ġodda għall-persuni kreattivi biex jipproduċu u jqassmu x-xogħlijiet tagħhom lil pubbliku usa' bi spiża aktar baxxa, indipendentement mill-ostakli fiżiċi u ġeografiċi. Minħabba li l-ICTs jintużaw bis-sħiħ mill-fornituri tal-kontenut kulturali u x-xejriet tradizzjonali tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni qed jiġu riveduti, dan joffri swieq u udjenzi potenzjalment akbar għall-persuni kreattivi u offerta kulturali aktar diversa għaċ-ċittadini.*

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 10a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(10a) Is-setturi kulturali u kreattivi qed jaffaċċaw tranżizzjoni diġitali li qed theżżeż il-mudell tradizzjonali, u b'hekk qed tittrasforma l-katini ta' valur u tirrikjedi mudelli ta' negozju ġodda. Il-bidla diġitali u l-aċċess iktar wiesa' għar-riżorsi kulturali joffru opportunitajiet ekonomiċi enormi u huma prekondizzjoni għall-iżvilupp ulterjuri tal-kapaċitajiet kulturali u kreattivi tal-Ewropa u tal-preżenza industrijali tagħha f'dan il-qasam.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Aktar minn hekk, il-materjal diġitalizzat jista' jerġa' jintuża –għal skopijiet kummerċjali u mhux kummerċjali – f'għadd ta' oqsma, fosthom l-iżvilupp ta' kontenut edukattiv u tat-tagħlim, id-dokumentarji, it-turiżmu, il-logħob, l-animazzjoni u l-ġodda tad-disinn, dejjem jekk dan isir b'rispett sħiħ lejn id-drittijiet tal-awtur u drittijiet simili.*

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 11

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(11) Il-bidla diġitali qed ikollha impatt massiv fuq kif il-prodotti u s-servizzi kulturali u kreattivi jsiru, jiġu disseminati, aċċessati, ikkunsmati u msarrfa. Dawn il-bidliet joffru opportunitajiet kbar għas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej. Spejjeż aktar baxxi għad-distribuzzjoni, kanali ġodda ta' distribuzzjoni u opportunitajiet ġodda għal prodotti speċjalizzati jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess u jżidu ċ-ċirkolazzjoni fid-dinja. Sabiex jieħdu dawn l-opportunitajiet u jadattaw għall-kuntest tal-bidla diġitali u l-globalizzazzjoni, is-setturi kulturali u

(11) Il-bidla diġitali qed ikollha impatt massiv fuq kif il-prodotti u s-servizzi kulturali u kreattivi jsiru, jiġu disseminati, aċċessati, ikkunsmati u msarrfa. Dawn il-bidliet joffru opportunitajiet kbar għas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej ***u għas-soċjetà Ewropea inġenerali***. Spejjeż aktar baxxi għad-distribuzzjoni, kanali ġodda ta' distribuzzjoni u opportunitajiet ġodda għal prodotti speċjalizzati jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess u jżidu ċ-ċirkolazzjoni fid-dinja, ***filwaqt li fl-istess ħin jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali***. Sabiex jieħdu dawn l-opportunitajiet u jadattaw



kreattivi jeħtieġu jiżviluppaw ħiliet ġodda u jeħtieġu aċċess akbar għall-finanzi sabiex itejbu t-tagħmir, jiżviluppaw metodi ġodda ta' produzzjoni u distribuzzjoni u jadattaw il-mudelli tan-negozju tagħhom.

għall-kuntest tal-bidla diġitali u l-globalizzazzjoni, is-setturi kulturali u kreattivi jeħtieġu jiżviluppaw ħiliet ġodda u jeħtieġu aċċess akbar għall-finanzi sabiex itejbu t-tagħmir, jiżviluppaw metodi ġodda ta' produzzjoni u distribuzzjoni u jadattaw il-mudelli tan-negozju tagħhom.

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-istrateġiji ta' żvilupp lokali u reġjonali inkorporaw b'suċċess is-setturi kulturali u kreattivi f'bosta oqsma: il-promozzjoni tal-wirt kulturali għall-użu tan-negozju; l-iżvilupp ta' infrastruttura u servizzi kulturali li jappoġġaw it-turiżmu sostenibbli; ir-raggruppament tas-sħubijiet u n-negozji lokali u bejn is-CCSs u l-industrija, ir-riċerka, l-edukazzjoni u setturi oħra; it-twaqqif ta' laboratorji tal-innovazzjoni; l-iżvilupp urban sostenibbli.*

### **Emenda 8**

#### **Proposta għal regolament Premessa 11a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(11a) Il-materjal diġitali għandu jiġi ġestit u miżmum b'mod effikaċi, sabiex jiġi evitat li l-informazzjoni miżmuma f'format diġitali ma tibqax tinqara meta l-hardwer u s-softwer li fuqhom tkun miżmuma jiskadu, meta t-tagħmir ta' ħażna jiddeterjora biż-żmien u/jew meta dak it-tagħmir ma jibqax ilaħħaq mal-volum kbir ta' kontenut ġdid u li dejjem jinbidel. Teknoloġiji ta' ħażna innovattivi bbażati fuq l-Internet jista' jkollhom rwol importanti fiż-żamma ta' data kulturali u kreattiva, sakemm is-sigurtà tad-data, ir-reżiljenza tal-infrastruttura diġitali u l-aċċess għal dik id-data jkunu applikati, salvagwardjati u garnatiti;*

### **Emenda 9**

#### **Proposta għal regolament Premessa 11b (ġdida)**

**(11b) Sabiex jiffjorixxu, is-setturi kulturali u kreattivi tal-Ewropa jirrikjedu sistema moderna, aċċessibbli u legalment ċerta għall-ħarsien tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali (IPR).**

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12) Il-prattiki attwali ta' distribuzzjoni huma fil-bażi tas-sistema ta' finanzjament taċ-ċinema. Madankollu, qed tinħass dejjem aktar il-ħtieġa li jiġi promoss il-ħolqien ta' offerti legali onlajn attraenti u li titħeġġeġ l-innovazzjoni. Għaldaqstant, il-promozzjoni tal-flessibbiltà ta' modalitajiet ġodda ta' distribuzzjoni biex ikunu jistgħu jinħolqu mudelli ġodda tan-negozju hija essenzjali.

(12) Il-prattiki attwali ta' distribuzzjoni huma fil-bażi tas-sistema ta' finanzjament taċ-ċinema. Madankollu, qed tinħass dejjem aktar il-ħtieġa li jiġi promoss il-ħolqien ta' offerti legali onlajn attraenti u li titħeġġeġ l-innovazzjoni, ***b'mod partikolari fir-rigward tal-Internet mobbli***. Għaldaqstant, il-promozzjoni tal-flessibbiltà ta' modalitajiet ġodda ta' distribuzzjoni biex ikunu jistgħu jinħolqu mudelli ġodda tan-negozju hija essenzjali. ***Il-forniment ta' tali offerti legali u attraenti għandu jkun ibbażat fuq strateġija komprensiva pan-Unjoni li tinvolvi lill-partijiet interessati kollha. Tali offerti legali onlajn għandu jkollhom l-għan li jrawmu l-kreazzjoni artistika u jissalvagwardjaw l-interessi ta' dawh li johlquhom iżda wkoll li jiżguraw l-usa' aċċess pubbliku possibbli għall-prodotti tas-settur kulturali u kreattiv.***

### Ġustifikazzjoni

Peress li l-Internet qed jiġi aċċessat dejjem iktar minn tagħmir mobbli (telefowns, kompjuters, eċċ.), għandha ssir referenza għat-teknoloġiji tal-Internet mobbli, li għandhom rwol importanti fl-iżguraw ta' mezzi ġodda u flessibbli ta' distribuzzjoni. L-offerti legali u attraenti onlajn għandhom iħeġġu l-kreazzjoni artistika u jiproteġu l-interessi ta' dawh li johlquhom, iżda għandhom jiżguraw ukoll aċċess pubbliku wiesa' kemm jista' jkun għall-prodotti tas-CCS.

## **Emenda 11**

### **Proposta għal regolament Premessa 12a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(12a) L-Unjoni għandha tieħu azzjoni immedjata sabiex tisfrutta l-benefiċċji tal-bidla diġitali u l-konservazzjoni ta' materjal diġitali. Jekk l-Istati Membri ma jkattrux l-investimenti tagħhom f'dan il-qasam, hemm riskju li l-benefiċċji kulturali u ekonomiċi tal-bidla diġitali jsiru realtà f'kontinenti oħra u mhux fl-Ewropa.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Id-diġitalizzazzjoni hija mezz importanti biex jiġi żgurat aċċess ikbar għall-materjal kultural u użu iktar mifrux tiegħu. L-ispejjeż tad-diġitalizzazzjoni tal-wirt kulturali kollu tal-Ewropa huma għoljin, u ma jistgħux jiġu koperti mill-finanzjament pubbliku biss. L-isponsorjar tad-diġitalizzazzjoni mis-settur privat, jew minn sħubijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat, jistgħu jinvolvu entitajiet privati fl-isforzi tad-diġitalizzazzjoni, u għandhom jiġu mħeġġa iktar.*

## **Emenda 12**

### **Proposta għal regolament Premessa 12b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(12b) Il-kotba, il-gazzetti u l-maġżins huma komponenti essenzjali tal-industrija kulturali u jiffurmaw ukoll parti mill-panorama tal-midja Ewropea pluralistika u varjata. L-era diġitali tippreżenta sfidi fir-rigward tas-sostenibilità tas-setturi tradizzjonali ta' dawq l-industrija, inklużi l-pubblikazzjoni tal-kotba, il-bejgħ tal-kotba u l-midja tal-istampa.***

## Emenda 13

### Proposta għal regolament Premessa 12c (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(12c) L-aċċessibilità onlajn tal-materjal kulturali se tippermetti liċ-ċittadini madwar l-Unjoni kollha jaċċessawh u jużawh għal skopijiet ta' divertiment, studju jew xogħol. Dan jagħti lill-wirt divers u multilingwi tal-Ewropa profil ċar fuq l-Internet, filwaqt li d-diġitalizzazzjoni tal-assi tagħhom se tgħin lill-istituzzjonijiet kulturali Ewropej ikomplu jwettqu l-missjoni tagħhom li jagħtu aċċess għal wirtna u jikkonservawh fl-ambjent diġitali.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*L-aċċessibilità onlajn tal-materjal kulturali se tippermetti liċ-ċittadini madwar l-UE kollha jaċċessawh u jużawh għal skopijiet ta' divertiment, studju jew xogħol. Fl-istess ħin, l-aċċessibilità onlajn ta' materjal kulturali se tfisser li l-wirt divers u multilingwi tal-Ewropa jikseb profil ċar fuq l-Internet.*

## Emenda 14

### Proposta għal regolament Premessa 13

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(13) Waħda mill-akbar sfidi tas-setturi kulturali u kreattivi, speċjalment operaturi żgħar inklużi l-impriżi żgħar u medji (SME) u mikrointrapriżi, hija d-diffikultà tagħhom biex jaċċessaw il-fondi li jeħtieġu biex jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom, jikbru, iżommu l-kompetittività tagħhom jew jinternazzjonalizzaw ruħhom. Filwaqt li din hija sfida komuni għall-SMEs b'mod ġenerali, is-sitwazzjoni hija ferm aktar diffiċli fis-setturi kulturali u kreattivi minħabba n-natura intanġibbli ta' ħafna mill-assi tagħhom, il-profil tal-prototip tal-attivitajiet tagħhom, in-nuqqas ta' pronteza tal-operaturi biex jinvestu fis-

(13) Waħda mill-akbar sfidi tas-setturi kulturali u kreattivi, speċjalment operaturi żgħar inklużi l-impriżi żgħar u medji (SMEs) u mikrointrapriżi, hija d-diffikultà tagħhom biex jaċċessaw il-fondi li jeħtieġu biex jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom, jikbru, **joħolqu impjegi**, iżommu l-kompetittività tagħhom jew jinternazzjonalizzaw ruħhom. Filwaqt li din hija sfida komuni għall-SMEs b'mod ġenerali, is-sitwazzjoni hija ferm aktar diffiċli fis-setturi kulturali u kreattivi minħabba n-natura intanġibbli ta' ħafna mill-assi tagħhom, il-profil tal-prototip tal-attivitajiet tagħhom **u l-bżonn intrinsiku**

setturi kif ukoll in-nuqqas ta' pronteza tal-istituzzjonijiet finanzjarji biex jinvestu.

***tagħhom li jieħdu riskji kif ukoll li jesperimentaw sabiex ikunu innovattivi,*** in-nuqqas ta' pronteza tal-operaturi biex jinvestu fis-setturi kif ukoll in-nuqqas ta' pronteza tal-istituzzjonijiet finanzjarji biex jinvestu.

## **Emenda 15**

### **Proposta għal regolament Premessa 15**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) Hemm bżonn li jinġabru flimkien il-programmi individwali attwali tal-Unjoni għas-setturi kulturali u kreattivi fi programm ta' qafas komprensiv uniku sabiex ikun hemm appoġġ aktar effettiv tal-operaturi kulturali u kreattivi sabiex dawn jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li l-bidla diġitali u l-globalizzazzjoni joffru u tingħatalhom għajjnuna sabiex jindirizzaw il-kwistjonijiet li fil-preżent iwasslu għal frammentazzjoni tas-suq. Sabiex ikun effettiv, il-Programm għandu jikkunsidra n-natura speċifika tas-sottosetturi, il-gruppi differenti ta' mira tagħhom u l-bżonnijiet partikolari tagħhom permezz ta' approċċi mfassla apposta fit-taqsimiet indipendenti.

#### *Emenda*

(15) Hemm bżonn li jinġabru flimkien il-programmi individwali attwali tal-Unjoni għas-setturi kulturali u kreattivi fi programm ta' qafas komprensiv uniku sabiex ikun hemm appoġġ aktar effettiv tal-operaturi kulturali u kreattivi sabiex dawn jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet li l-bidla diġitali u l-globalizzazzjoni joffru u tingħatalhom għajjnuna sabiex jindirizzaw il-kwistjonijiet li fil-preżent iwasslu għal frammentazzjoni tas-suq. Sabiex ikun effettiv, il-Programm għandu jikkunsidra n-natura speċifika tas-sottosetturi, il-gruppi differenti ta' mira tagħhom u l-bżonnijiet partikolari tagħhom permezz ta' approċċi mfassla apposta fit-taqsimiet indipendenti.

***Il-bidliet li dan jinvolti għandhom jipprijoritizzaw is-simplifikazzjoni tal-proċess għall-applikazzjoni tal-proċeduri tar-rappurtar finanzjarju u l-konformità magħhom sabiex kemm l-SMEs kif ukoll l-organizzazzjonijiet komunitarji u volontarji ma jiġux mgħobbija żżejjed b'kompiti amministrattivi.***

## **Emenda 16**

### **Proposta għal regolament Premessa 16**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Il-Kapitali ***Ewropea*** tal-Kultura u ċ-

#### *Emenda*

(16) Il-Kapitali ***Ewropej*** tal-Kultura ***u l-***

Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew jgħinu jsaħħu s-sensazzjoni ta' appartenenza għal żona kulturali komuni, u jikkontribwixxu biex itejbu l-valur tal-wirt kulturali. ***Il-finanzjament għandu jiġi pprovdut għal dawn iż-żewġ azzjonijiet*** tal-Unjoni.

***Isport*** u ċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew jgħinu jsaħħu s-sensazzjoni ta' appartenenza għal żona kulturali komuni, u jikkontribwixxu biex itejbu l-valur tal-wirt kulturali. ***Dawn l-azzjonijiet*** tal-Unjoni ***se jiġu ffinanzjati permezz tal-Programm Ewropa Kreattiva.***

**Emenda 17**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 23**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(23) Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Programm, in-natura speċifika tas-setturi kulturali u kreattivi għandha tiġi kkunsidrata, u għandha tingħata attenzjoni partikolari biex tiżgura li l-proċeduri amministrattivi u finanzjarji jiġu simplifikati.

*Emenda*

(23) Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Programm, in-natura speċifika tas-setturi kulturali u kreattivi għandha tiġi kkunsidrata, ***inter alia billi jiġi kkonsultat is-settur permezz tal-mezzi xierqa***, u għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat li l-proċeduri amministrattivi u finanzjarji jiġu simplifikati, ***b'mod partikolari għall-SMEs u l-organizzazzjonijiet komunitarji u volontarji.***

**Emenda 18**  
**Proposta għal regolament**  
**Premessa 25**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(25) Kif imsemmi fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-impatt tad-Deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimmodifikaw il-bażijiet legali tal-Programmi Ewropej fl-oqsma tat-Tagħlim Tul il-Ħajja, il-Kultura, iż-Żgħażaġħ u ċ-Ċittadinanza tat-30 ta' Lulju 2010, it-tnaqqis sostanzjali tad-dewmien fil-proċeduri ta' ġestjoni żied l-effiċjenza tal-programmi. Din it-tip ta' simplifikazzjoni għandha titkompla.

*Emenda*

(25) Kif imsemmi fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-impatt tad-Deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimmodifikaw il-bażijiet legali tal-Programmi Ewropej fl-oqsma tat-Tagħlim Tul il-Ħajja, il-Kultura, iż-Żgħażaġħ u ċ-Ċittadinanza tat-30 ta' Lulju 2010, it-tnaqqis sostanzjali tad-dewmien fil-proċeduri ta' ġestjoni żied l-effiċjenza tal-programmi. Din it-tip ta' simplifikazzjoni għandha titkompla ***u tiġi mtejbja aktar, b'fokus fuq it-tnaqqis tal-***

**Emenda 19**  
**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. "setturi kulturali u kreattivi" tfisser is-setturi kollha li l-attivitajiet tagħhom huma bbażati fuq valuri kulturali u/jew espressjonijiet artistiċi u kreattivi, irrISPETTIVAMENT jekk dawn l-attivitajiet humiex orjentati lejn is-suq jew le u mit-tip ta' struttura li twettaqhom. Dawn l-attivitajiet jinkludu l-ħolqien, il-produzzjoni, id-disseminazzjoni u l-preservazzjoni ta' prodotti u servizzi li jinkorporaw espressjonijiet kulturali, artistiċi jew kreattivi, kif ukoll il-funzjonijiet relatati bħall-edukazzjoni, il-ġestjoni jew ir-regolamentazzjoni. Is-setturi kulturali u kreattivi jinkludu ***b'mod partikolari l-arkitettura***, l-arkivji u l-libreriji, is-snajja' artistika, il-prodotti awdjoviżivi (inklużi l-films, it-televiżjoni, il-videogames u l-multimedja), il-wirt kulturali, id-disinn, ***il-festivals***, il-mużika, l-arti tal-ispettaklu, il-pubblikazzjoni, ***ir-radju u*** l-arti viżiva.

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) il-karattru transnazzjonali tal-attivitajiet tiegħu u l-impatt tagħhom li se jikkumplementaw il-programmi nazzjonali, internazzjonali u oħrajn tal-Unjoni;

*Emenda*

1. "setturi kulturali u kreattivi" tfisser is-setturi kollha li l-attivitajiet tagħhom huma bbażati fuq valuri kulturali u/jew espressjonijiet artistiċi u kreattivi, irrISPETTIVAMENT jekk dawn l-attivitajiet humiex orjentati lejn is-suq jew le u mit-tip ta' struttura li twettaqhom. Dawn l-attivitajiet jinkludu l-ħolqien, il-produzzjoni, id-disseminazzjoni u l-preservazzjoni ta' prodotti u servizzi, ***inkluża d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi***, li jinkorporaw espressjonijiet kulturali, artistiċi jew kreattivi, kif ukoll il-funzjonijiet relatati bħall-edukazzjoni, il-ġestjoni jew ir-regolamentazzjoni ***u t-taħriġ***. Is-setturi kulturali u kreattivi jinkludu ***setturi bħall-arkitettura***, l-arkivji u l-libreriji, is-snajja' artistika, il-prodotti awdjoviżivi (inklużi l-films, it-televiżjoni, ***ir-radju***, il-videogames u l-multimedja), il-wirt kulturali, id-disinn, il-mużika, l-arti tal-ispettaklu, il-pubblikazzjoni, l-arti viżiva ***u r-reġistrazzjoni***.

*Emenda*

(a) il-karattru transnazzjonali tal-attivitajiet tiegħu u l-impatt tagħhom, ***b'mod partikolari fuq il-kondiviżjoni tal-għarfien***, li se jikkumplementaw il-programmi ***lokali, reġjonali***, nazzjonali,

internazzjonali u oħrajn tal-Unjoni;

## Emenda 21

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) il-kooperazzjoni transnazzjonali li tistimula rispons aktar komprensiv, rapidu u effettiv għall-isfidi globali u toħloq effetti sistemiċi fit-tul fuq is-setturi;

*Emenda*

(c) il-kooperazzjoni transnazzjonali li tistimula rispons aktar komprensiv, rapidu u effettiv għall-isfidi globali **u l-innovazzjoni**, u toħloq effetti sistemiċi fit-tul fuq is-setturi;

## Emenda 22

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(da) it-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali permezz tat-titjib tal-aċċess għall-prodotti tas-settur kulturali u kreattiv għaċ-ċittadini tal-Unjoni kollha, u b'mod partikolari għall-persuni b'diżabilità;**

*Ġustifikazzjoni*

*It-titjib tal-aċċess għall-prodotti tas-CCS għaċ-ċittadini kollha tal-Ewropa, u b'mod partikolari għall-persuni b'diżabilità, se jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-koeżjoni soċjali fl-UE.*

## Emenda 23

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) isaħħu l-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi bil-għan li jiġi promoss it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv.

*Emenda*

(b) isaħħu l-kompetittività **u l-flessibilità** tas-setturi kulturali u kreattivi bil-għan li jiġi promoss it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv.



## Emenda 24

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) li **jipromwovi** ċ-ċirkolazzjoni transnazzjonali tax-xogħlijiet u l-operaturi kulturali u kreattivi u jilħaq udjenzi ġodda fl-Ewropa u lil hinn;

*Emenda*

(b) li **jippermetti** ċ-ċirkolazzjoni transnazzjonali tax-xogħlijiet u l-operaturi kulturali u kreattivi u jilħaq udjenzi ġodda fl-Ewropa u lil hinn;

## Emenda 25

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – punt ba (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ba) li jipromwovi l-mobbiltà fost l-artisti, id-djalogu interkulturali u l-educazzjoni artistika;**

## Emenda 26

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) li jsaħħaħ il-kapaċità finanzjarja tas-setturi kulturali u kreattivi, u b'mod partikolari l-impriżi żgħar u medji u l-organizzazzjonijiet;

*Emenda*

(c) li jsaħħaħ il-kapaċità finanzjarja tas-setturi kulturali u kreattivi, u b'mod partikolari ***l-libreriji pubbliċi***, l-impriżi żgħar u medji, ***il-mikrointrapriżi*** u l-organizzazzjonijiet ***komunitarji u volontarji***;

## Emenda 27

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) li jappoġġa l-kooperazzjoni tal-politika transnazzjonali sabiex irawwem l-iżvilupp tal-politika, l-innovazzjoni, il-bini tal-udjenza **u** mudelli **ġoddatan-negozju**.

*Emenda*

(d) li jappoġġa l-kooperazzjoni tal-politika transnazzjonali sabiex irawwem l-iżvilupp tal-politika, l-innovazzjoni, il-bini tal-udjenza, mudelli ta' negozju **ġodda u attività intraprenditorjali**;

## **Emenda 28**

### **Proposta għal regolament Artikolu 5 – punt da (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Għat-trawwim tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità lingwistika u kulturali Ewropea u sabiex tiġi kkonsolidata l-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, l-oġġettivi speċifiċi jeħtieġ jinkludu l-oġġettiv tal-inkuraġġiment tas-sħubijiet bejn l-istituzzjonijiet kulturali u s-settur privat sabiex jinħolqu modi ġodda ta' finanzjament tad-diġitalizzazzjoni tal-materjal kulturali u jiġi stimulat l-użu innovattiv ta' dan il-materjal.*

### *Ġustifikazzjoni*

## **Emenda 29**

### **Proposta għal regolament Artikolu 5 – punt db (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

## **Emenda 30**

### **Proposta għal regolament Artikolu 5 - punt dc (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(dc) li jstimula l-impjegi sostennibbli fis-setturi kulturali u kreattivi, biex b'hekk jiġu ġġenerati wkoll impatti pożittivi fil-qasam tal-impjegi f'setturi relatati bħatturiżmu u s-settur diġitali;*

## **Emenda 31**

### **Proposta għal regolament Artikolu 5 – punt dd (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(dd) li jtejjeb il-kundizzjonijiet għaddiġitalizzazzjoni u l-aċċessibilità onlajn ta' materjal kopert mid-drittijiet tal-awtur;*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Għat-trawwim tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità lingwistika u kulturali Ewropea u sabiex tiġi kkonsolidata l-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi, l-oġettivi speċifiċi jeħtieġ jinkludu l-oġettiv tat-titjib tal-kundizzjonijiet għaddiġitalizzazzjoni u l-aċċessibilità onlajn ta' materjal kopert mid-drittijiet tal-awtur.*

## **Emenda 32**

### **Proposta għal regolament Artikolu 5 – punt de (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(de) li jtejjeb il-kundizzjonijiet infrastrutturali diġitali u l-qafas leġiżlattiv għall-ġestjoni u l-ħżin tal-materjal f'format diġitali, sabiex tiġi garantita l-preservazzjoni fit-tul tagħhom;*

### Emenda 33

#### Proposta għal regolament Artikolu 5 – point df (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(df) li jappoġġa t-tkabbir sostenibbli u inklużiv billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-prodotti kulturali u kreattivi għall-persuni b'diżabilità.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Sabiex tiġi protetta u promossa d-diversità lingwistika u kulturali Ewropea, u sabiex tiġi kkonsolidata l-kompetittività tas-setturi tal-kultura u l-kreattività, jeħtieġ li fost l-oġġettivi speċifiċi tal-programm speċifiku jiġi inkluż l-oġġettiv ta' appoġġ tat-tkabbir sostenibbli u inklużiv billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-prodotti kulturali u kreattivi għall-persuni b'diżabilità.*

### Emenda 34

#### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Faċilità mmirata lejn is-setturi kulturali u kreattivi u li titħaddem fil-kuntest ta' strument ta' dejn tal-Unjoni għall-impriżi u medji. Din il-faċilità għandu jkollha l-prijoritajiet li ġejjin:

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Faċilità mmirata lejn is-setturi kulturali u kreattivi u li titħaddem fil-kuntest ta' strument ta' dejn tal-Unjoni għall-impriżi żgħar u medji, **il-mikrointrapriżi u l-organizzazzjonijiet komunitarji u volontarji**. Din il-faċilità għandu jkollha l-prijoritajiet li ġejjin:

### Emenda 35

#### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzi għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju u **organizzazzjonijiet** fis-setturi kulturali u kreattivi Ewropej;

(a) l-iffaċilitar tal-aċċess għall-finanzi għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju, **il-mikrointrapriżi, il-libreriji pubbliċi u l-organizzazzjonijiet komunitarji u volontarji** fis-setturi kulturali u kreattivi Ewropej;

## Emenda 36

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) konferenzi, seminars u djalogu politiku inkluż fil-qasam tal-litteriżmu kulturali u medjatiku;

*Emenda*

(e) konferenzi, seminars u djalogu politiku inkluż fil-qasam tal-litteriżmu kulturali u medjatiku ***intiżi għall-partijiet interessati direttament involuti fis-setturi kkonċernati***;

## Emenda 37

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – punt f – inċiż 5a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***– jipprovdu feedback regolari dwar il-piżijiet amministrattivi għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju u l-organizzazzjonijiet komunitarji u volontarji kif ukoll proposti prattiċi sabiex jitnaqqsu dawk il-piżijiet.***

## Emenda 38

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-appoġġ ta' azzjonijiet li jipprovdu l-operaturi b'ħiliet u kompetenzi li jinkoraġġixxu l-adattament għat-teknoloġiji diġitali, inkluż l-ittestjar ta' approċċi ġodda għall-bini tal-udjenza u l-mudelli tan-negozju;

*Emenda*

(a) l-appoġġ ta' azzjonijiet li jipprovdu l-operaturi, ***inklużi l-libreriji pubbliċi***, b'ħiliet u kompetenzi li jinkoraġġixxu l-adattament għat-teknoloġiji diġitali, inkluż l-ittestjar ta' approċċi ġodda għall-bini tal-udjenza u l-mudelli tan-negozju, ***inter alia permezz tal-użu ta' pjattaformi medjatiċi soċjali; it-teknoloġija tal-Internet mobbli għandha tiffirma parti integrali ta' dan il-proċess, fid-dawl tal-użu dejjem ikbar tagħha***;

## Emenda 39

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) l-appoġġ għall-bini tal-udjenza bħala mezz għall-istimulazzjoni tal-interess fix-xogħlijiet kulturali Ewropej.

*Emenda*

(c) l-appoġġ għall-bini tal-udjenza bħala mezz għall-istimulazzjoni tal-interess fix-xogħlijiet kulturali Ewropej, ***inklużi bl-ingranaġġ ta' pjattaformi medjatiċi soċjali.***

## Emenda 40

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – punt da (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(da) attivitajiet mil-libreriji pubbliċi li jelenkaw ix-xogħlijiet litterarji tagħhom fuq il-kompjuter, jipproduċu katalogi integrati onlajn u jintegraw il-libreriji pubbliċi f'networks nazzjonali u internazzjonali;***

## Emenda 41

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(e) azzjonijiet speċjali li għandhom l-għan li jiksbu viżibilità akbar tar-rikkezza u d-diversità tal-kulturi Ewropej, u jstimulaw djalogu interkulturali u fehim reċiproku, inklużi premjijiet kulturali Ewropej, iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew, u l-Kapitali Ewropej tal-Kultura.

(e) azzjonijiet speċjali li għandhom l-għan li jiksbu viżibilità akbar tar-rikkezza u d-diversità tal-kulturi Ewropej, u jstimulaw djalogu interkulturali u fehim reċiproku, inklużi premjijiet kulturali Ewropej, iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew, u l-Kapitali Ewropej tal-Kultura ***u l-Isport.***

## Emenda 42

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) l-iffaċilitar tal-akkwiżizzjoni ta' ħilet u l-iżvilupp ta' netwerks u b'mod partikolari l-inkoraġġiment tal-użu ta' teknoloġiji diġitali sabiex jiżguraw l-adattament għall-iżvilupp tas-suq;

*Emenda*

(a) l-iffaċilitar tal-akkwiżizzjoni ta' ħilet u l-iżvilupp ta' netwerks u b'mod partikolari l-inkoraġġiment tal-użu ta' teknoloġiji diġitali ***u l-midja soċjali*** sabiex jiżguraw l-adattament għall-iżvilupp tas-suq; ***it-teknoloġija tal-Internet mobbli għandha tiffurma parti integrali ta' dan il-proċess, fid-dawl tal-użu dejjem ikbar tagħha;***

## Emenda 43

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ba) il-promozzjoni ta' proġetti li jimplimentaw żvilupp transmedjali u ta' pjattaformi diversi kemm teknikament kif ukoll kreattivament;***

## Emenda 44

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ca) l-appoġġ tal-iżvilupp ta' proġett pilota kif ukoll il-promozzjoni u t-twaqqif tiegħu.***

## Emenda 45

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – punt ja (ġdid)

**(ja) fid-dawl tal-aspetti multidimensjonali tal-industriji kreattivi, it-trawwim ta' politiki li jħeġġu l-innovazzjoni kemm fil-livell tekniku kif ukoll f'dak kreattiv.**

#### **Emenda 46**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) il-politiki rilevanti tal-UE, b'mod partikolari dawk fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-impjiegi, is-saħħa, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-impriża, it-turiżmu, il-ġustizzja **u** l-iżvilupp;

*Emenda*

(a) il-politiki rilevanti tal-UE, b'mod partikolari dawk fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-impjiegi, is-saħħa, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-impriża, it-turiżmu, il-ġustizzja, l-iżvilupp **u l-isport**;

#### **Emenda 47**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) sorsi oħra rilevanti ta' finanzjament tal-UE fil-qasam tal-politiki tal-kultura u l-midja, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Programmi ta' Riċerka u Innovazzjoni, kif ukoll l-istrumenti finanzjarji marbuta mal-ġustizzja u ċ-ċittadinanza, il-programmi ta' kooperazzjoni esterna u l-istrumenti ta' qabel l-adeżjoni. B'mod partikolari, se jkun importanti li jiġu żgurati s-sinerġiji fil-livell ta' implimentazzjoni bejn il-Programm u l-istrateġiji nazzjonali u reġjonali għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti.

*Emenda*

(b) sorsi oħra rilevanti ta' finanzjament tal-UE fil-qasam tal-politiki tal-kultura u l-midja, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Programm ta' Riċerka u Innovazzjoni, **il-Programm Erasmus għal Kulħadd**, kif ukoll l-istrumenti finanzjarji marbuta mal-ġustizzja u ċ-ċittadinanza, il-programmi ta' kooperazzjoni esterna u l-istrumenti ta' qabel l-adeżjoni. B'mod partikolari, se jkun importanti li jiġu żgurati s-sinerġiji fil-livell ta' implimentazzjoni bejn il-Programm u l-istrateġiji nazzjonali u reġjonali għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti.



## Emenda 48

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) Minbarra l-monitoraġġ regolari l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rapport ta' evalwazzjoni esterna mhux aktar tard minn tmiem l-2007 sabiex tivvaluta l-effikaċja fil-kisba tal-objettivi u l-effiċjenza tal-Programm u l-valur miżjud Ewropew tiegħu bil-ħsieb ta' deċiżjoni dwar it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni tal-Programm. L-evalwazzjoni għandha tindirizza l-kamp ta' applikazzjoni għas-simplifikazzjoni, il-koerenza interna u esterna tal-Programm, l-issoktar tar-rilevanza tal-objettivi kollha, kif ukoll il-kontribuzzjoni tal-miżuri għall-prijoritajiet tal-Unjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Għandha tqis ir-riżultati tal-evalwazzjoni fuq l-impatt fit-tul tad-Deċiżjoni Nru 1855/2006/KE, id-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE u d-Deċiżjoni Nru 1041/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

#### *Emenda*

(a) Minbarra l-monitoraġġ regolari l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rapport ta' evalwazzjoni esterna mhux aktar tard minn tmiem l-2007 sabiex tivvaluta l-effikaċja fil-kisba tal-objettivi u l-effiċjenza tal-Programm u l-valur miżjud Ewropew tiegħu bil-ħsieb ta' deċiżjoni dwar it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni tal-Programm. ***Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar ir-riżultati u l-indikaturi ta' prestazzjoni għall-Programm.*** L-evalwazzjoni għandha tindirizza l-kamp ta' applikazzjoni għas-simplifikazzjoni, il-koerenza interna u esterna tal-Programm, l-issoktar tar-rilevanza tal-objettivi kollha, kif ukoll il-kontribuzzjoni tal-miżuri għall-prijoritajiet tal-Unjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Għandha tqis ir-riżultati tal-evalwazzjoni fuq l-impatt fit-tul tad-Deċiżjoni Nru 1855/2006/KE, id-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE u d-Deċiżjoni Nru 1041/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

#### *Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament ibbażat fuq il-monitoraġġ u l-valutazzjoni skont l-Artikolu 14, sabiex il-Parlament ikun jista' jissorvelja r-riżultati u l-indikaturi ta' prestazzjoni għall-programm.*

## Emenda 49

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-benefiċjarji tal-proġetti appoġġati mill-Programm għandhom jiżguraw komunikazzjoni u disseminazzjoni tal-

#### *Emenda*

1. Il-benefiċjarji tal-proġetti appoġġati mill-Programm għandhom jiżguraw komunikazzjoni u disseminazzjoni tal-

informazzjoni dwar il-finanzjament tal-Unjoni li jkunu rċevew u r-riżultati miksuba.

informazzjoni dwar il-finanzjament tal-Unjoni li jkunu rċevew u r-riżultati miksuba, ***inklużi l-wiri prominenti tal-logos, in-nomenklatura u s-simboli rilevanti.***

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Programm Ewropa Kreattiva
<b>Referenzi</b>	COM(2011)0785 – C7-0435/2011 – 2011/0370(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	CULT 30.11.2011
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 30.11.2011
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Silvia-Adriana Țicău 27.1.2012
<b>Eżami fil-kumitat</b>	21.3.2012
<b>Data tal-adozzjoni</b>	31.5.2012
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 54 –: 0 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Gabriele Albertini, Amelia Andersdotter, Josefa Andrés Barea, Jean-Pierre Audy, Zigmantas Balčytis, Ivo Belet, Jan Březina, Reinhard Bütikofer, Jürgen Creutzmann, Dimitrios Droutsas, Christian Ehler, Gaston Franco, Adam Gierek, Norbert Glante, András Gyürk, Fiona Hall, Edit Herczog, Kent Johansson, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Lena Kolarska-Bobińska, Marisa Matias, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Vittorio Prodi, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Jens Rohde, Paul Rübig, Salvador Sedó i Alabart, Francisco Sosa Wagner, Patrizia Toia, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Adina-Ioana Vălean, Kathleen Van Brempt, Alejo Vidal-Quadras, Henri Weber
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Maria Badia i Cutchet, Francesco De Angelis, Ioan Enciu, Françoise Grossetête, Satu Hassi, Roger Helmer, Jolanta Emilia Hibner, Seán Kelly, Eija-Riitta Korhola, Holger Kraemer, Zofija Mazej Kukovič, Vladimír Remek
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	María Auxiliadora Correa Zamora, Franziska Keller